

tas-saħħa tal-ħaddiema u l-pubbliku ġenerali kontra l-perikli li jiġu minn radjazzjoni jonizzanti (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p, 291) u tapplika dawn id-dispożizzjonijiet għall-ħaddiema involuti fl-inċident nukleari ta' Thule (il-Groenlandja), bi ksur tar-risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-konsegwenzi ta' dan l-inċident fuq is-saħħa pubblika, tal-20 ta' April 2007 [petizzjoni 720/2002, 2006/2012 (INI)].

### **Dispożittiv**

- 1) L-appelli huma miċħuda.
- 2) H. H. Eriksen, B. Hansen u B. Lind huma kkundannati għall-ispejjeż.

### **Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tat-13 ta' Jannar 2011 — Media-Saturn-Holding vs UASI**

#### **(Kawża C-92/10 P)**

“Appell — Trade mark Komunitarja — Raġuni assoluta għal rifjut — Nuqqas ta' karattru distintiv — Trade mark ikkostitwita minn slogan pubbliċitarju u komposta minn elementi li waħedhom ma għandhomx karattru distintiv — Sinjal figurattiv ‘BEST BUY’”

1. *Appell — Aggravji — Evalwazzjoni żbaljata tal-fatti — Inammissibbiltà — Stħarriġ mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-evalwazzjoni tal-fatti sottomessi lill-Qorti Ġenerali — Esklużjoni ħlief fil-każ ta' żnaturament (Artikolu 256 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 58) (ara l-punt 27)*
2. *Appell — Aggravji — Motiv ippreżentat għall-ewwel darba fil-kuntest tal-appell — Inammissibbiltà (ara l-punt 39)*

## Suġġett

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba“Awla), tal-15 ta’ Diċembru 2009, Media-Saturn vs UASI (BEST BUY) (T-476/08), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet ir-rikors għal annullament ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Raba” Bord tal Appell tal-UASI, tat-28 ta’ Awwissu 2008, li tiċhađ l-appell mid-deċiżjoni tal-eżaminatur li tirrifjuta r-reġistrazzjoni tas-sinjal figurattiv “BEST BUY” bħala trade mark Komunitarja għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 1, 2, 5 sa 12, 14 sa 17, 20 sa 22, 27, 28, 35, 37, 38 u 40 sa 42 - Karattru distintiv ta’ trade mark ikkostitwita minn slogan pubbliċitarju u komposta minn elementi li waħedhom ma għandhomx karattru distintiv.

## Dispożittiv

- 1) L-appell huwa miċħud.
- 2) Media-Saturn-Holding GmbH hija kkundannata għall-ispejjeż.

### **Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-18 ta’ Jannar 2011 — Berkizi-Nikolakaki vs Anotato Symvoulio epilogis prosopikou u Aristoteleio Panepistimio Thessalonikis**

(Kawża C-272/10)

“Artikolu 104(3) tar-Regoli tal-Proċedura — Politika soċjali — Artikolu 155(2) TFUE — Direttiva 1999/70/KE — Klawżola 8 tal-Ftehim Qafas dwar xogħol għal żmien determinat — Kuntratti ta’ xogħol għal żmien determinat fis-settur pubbliku — Kuntratti suċċessivi — Abbuż — Sanzjonijiet — Trasformazzjoni f’kuntratt ta’ xogħol għal żmien indeterminat — Regoli proċedurali — Terminu ta’ dekadenza — Prinċipji ta’ ekwivalenza u ta’ effettività — Tnaqqis tal-livell ġenerali ta’ protezzjoni tal-ħaddiema”